**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 202/15 CSH**

**C & L Calleja Trading Ltd (C28851)**

**Vs**

**Bay Catering Company Limited (C39785)**

**Illum 9 ta' Marzu, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' C & L Trading Ltd (C28851) fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-disgha (9) ta' Lulju, 2015 fejn is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti tordna lis-socjeta' intimata:

Thallasha s-somma ta' erbat elef disa' mija u tmienja w ghoxrin Ewro w erba' centezmi (€4928.04) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' hut ikkonsenjat lilha fuq ordnijiet taghha stess li baqa' ma thallasx;

Minkejja li ga kienet interpellata sabiex thallas il-pendenzi taghha, inkluz bl-ittra bonarja datata 15 ta' April, 2009 (Dok. A) u minkejja diversi weghdi ta' hlas, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti ghajr ghal pagament wiehed akkont ta' mitt Ewro (€100) maghmul fil-5 ta' Awissu, 2010.

Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet relattivi fuq is-somma kapitali mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness u mmarkat bhala Dok. B sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors. Is-socjeta' intimata hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall John Francica datata 11 ta' Frar 2016 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici, fl-Ghassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali ta' San Giljan (fol. 14 tergo).

Rat ukoll li saret il-pubblikazzjoni tar-rikors promotur u tal-avviz tas-smiegh fil-Gazzetta tal-Gvern datata 16 ta' Frar, 2016 (fol. 12 et seq.) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent tal-1 ta' Marzu, 2016 (fol.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Bay Catering Company Limited (C39785) thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, disgha mija u tmienja w ghoxrin Ewro u erba' centezmi (€4928.04) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur.**

***Bl-imghaxijiet relattivi fuq is-somma kapitali mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness u mmarkat bhala Dok B sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.***

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

***kliem mizjud b'digriet tat-3 ta' April 2016 fuq rikors tat-28 ta' Marzu 2016.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**